Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.

Mag Juris (Eur Law)

Awla 9

Il-Pulizija

(Spettur David Saliba)

vs

Roger Degiorgio

Illum 26 ta' Frar, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-prosekuzzjoni kontra l-imputat fuq imsemmi Roger Degiorgio, iben Gerald u Carmela nee Rickard, imwieled Gzira fl-14 ta' Mejju, 1956 u detentur tal-karta' ta' l-identita' numru 357256N li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fil-Mosta, fit-18 ta' Awissu, 1997 u matul dawn l-ahhar xhur f'hinijiet differenti ibbalzma

jew ammonta xi ghasafar jew animali ohra jew ghamilha ta' balzmatur, kemm ghal skopijiet kummercjali kemm ghal skopijiet personali, jew kellu fil-pussess tieghu ghodda, kimika jew apparat iehor li jintuza jew li soltu jintuza ghall-ibbalzmar, minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizja u dan bi ksur ta' l-avviz legali 23/97 Art. 6(1);

Talli fl-istess data, lok u hin ibbalzma jew ammonta ghasafar li m'humiex imsemmijin fl-iskedi I, II, III li jinsabu fl-avviz legali 146/93 kif ukoll hekk kif ammendati fl-Avviz legali 45/1996 (para. 5,6);

Talli fl-istess, data, hin u lok ma zammx registru li fih ghandu jitnizzel car hdejn id-data tal-dhul sid kull ghasfur jew ghasafar l-indirizz tieghu u numru tal-karta tal-identita u tip ta' speci ta' ghasfur jew ghasafar li ghandu jibbalzma liema dettalji ghandhom ikunu kontro senjati mill-istess sid, u dan bi ksur tal-Artikolu 17.3 u 17.4 tal-avviz legali 146/93;

Ukoll talli, fl-imsemmija data, hin u lok kellu fil-pussess tieghu ghasfur, u cioe' Pigmy Cormorant (Phalacrocorax pygmeus) haj jew mejjet, jew parti minn xi ghasfur li mhux inkluz fl-iskeda I, II jew III u dan bi ksur tal-Artiklu 12 I jew 12 II u 12 III, tal-avviz legali 146/93 hekk kif ammendat bl-att legali 45/96 Artiklu 5 u 6;

Ukoll talli fl-imsemija data, hin u lok zamm fil-pussess tieghu ghasafar ghal kull skop xjentifiku, veterinarju jew ghan iehor bhal dan jew ghar-ragunijiet ta' sahha pubblika jew sigurezza pubblika minghajr l-awtorizzazzjoni tal-ministru responsabbli ghal ambjent u dan bi ksur tal-Artikolu 24(1) tal-146/93;

Ukoll fl-imsemmija data, hin u lok kellu fil-pussess tieghu, kwantita ta' xi ezemplari inkluzi fit-tieni skeda tar-regolamenti 19/92 kif ukoll hekk kif ammendat fl-att legali 22/95, u cioe' 'wolf' (Canis lapus) u bear (Uridae species) li l-importazzjoni taghhom taqa taht dawn ir-regolamenti, minghajr ma kellu fil-pussess tieghu u ghaz-zmien kollu li dawn l-ezemplari kienu fil-pussess tieghu kull permess certifikat jew licenzja li ghandhom x'jaqsmu ma dawn l-ezemplari;

U aktar talli fl-istess data, lok u hin kellu fil-pussess tieghu ezemplari ta' speci u cioe' Weasel (Mustela nivalis) li jidhru fl-iskeda 2 tar-regolarmenti 49/93 bi ksur tal-Artiklu 5 (3);

Ukoll fl-istess data, hin u lok kellu fil-pussess tieghu arma regolari u cioe air rifle tal-arma .22 tal-ghamla 'Remington' bla numru minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Fl-ahharnett ukoll talli huwa jinsab recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Awla 8 fid-29 ta' April, 1994;

Semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kienx hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u dana meta kienu qed isirulu l-mistoqsijiet skond l-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali waqt is-seduta tas-17 ta' Novembru, 1997;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti inkluz l-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu, d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procedimenti;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi mill-provi prodotti irrizultaw is-segwenti fatti:
Fit-18 ta' Awissu, 1997 l-Ispettur David Saliba kien acceda fil-fond tal-imputat, Nru 165 Triq l-Isperanza, Mosta u ghamel tfittxija in konnessjoni ma xi xogholijiet illi allegatament kienu qeghdin isiru f'dak il-fond rigwardanti

ibbalzmar ta' ghasafar jew annimali ohrajn. L-Ispettur Saliba acceda fil-fond imsemmi flimkien ma PS754 u ma PC149, huma habbtu l-bieb u ma fethilhom hadd. L-Ispettur David Saliba flimkien mal-kollegi tieghu baqghu fl-inhawi jistennew u ghall-habta tas-7.00p.m. tfacca l-imputat. L-Ispettur Saliba introduca ruhu, identifika ruhu mal-imputat u infurmah li kien ser jaghmel tfittxija fil-fond tieghu. Waqt illi kien qieghed jaghmel din it-tfittxija, l-Ispettur Saliba osserva illi l-imputat kellu diversi speci ta' fauna ibbalzmati u fit-tarf tad-dar tieghu, fil-gnien, kien hemm ukoll zewgt ikmamar speci ta' 'garage' fejn gie osservat li kien qed isir xi xoghol ta' ibbalzmar fuq diversi tjur u uhud minn dawn it-tjur kien ghad kellhom il-hajt imdawwar maghhom. Fil-garage kien hemm ukoll 'chest freezer' u meta din infethet instab li kien hemm boroz tal-plastik fiha b'diversi speci ta' ghasafar li kienu iffrizati lesti biex jigu ibbalzmati. L-Ispettur Saliba xehed illi fil-garage gie konstatat li kien hemm diversi ghodod u apparat iehor li kellu x'jaqsam mas-sengha tal-ibbalzmar bhal per ezempju borza kbira tat-tajjar, ghajnejn tal-hgieg jew tal-plastik, u ghoddod u strumenti ohrajn, pniezel, siringi, wires tal-hadid, 'hair clips' u oggetti ohrajn.

Illi saret ukoll tfittxija fid-dar fejn instabet 'rifle' tal-ghamla Remington kif ukoll diversi snieter. Is-snieter gew ritornati

mill-pulizija lill-imputat peress illi wera li kellu l-permessi necessarji, pero' r-'rifle' ma gietx ritornata lilu u fil-fatt giet esebita f'dawn l-atti. Din ir-'rifle' hija tal-ghamla Remington u l-Ispettur Saliba xehed illi din giet spezzjonata mill-espert mahtur mill-pulizija u gie konstatat li ma kellhiex numru fuqha.

Illi gie infurmat ukoll il-Magistrat tal-ghassa u saret inkjesta. L-imputat ittiehed fil-kwartieri generali tal-pulizija u irrilaxxja stqarrija wara li gie moghti s-solita twissija. L-Ispettur Saliba kompla jixhed illi meta spiccat l-istqarrija l-imputat ghadda kumment fejn qallu, "Hasra li hemm hafna bhali li jahdmu illegali u jaqalghu hafna flus iktar minni u minnek". L-Ispettur Saliba qal illi l-imputat kien qieghed jirreferi ghal kemm jaqbad flus hu u l-Ispettur Saliba. F'dan il-mument l-Ispettur Saliba dar fuq l-imputat u qallu, "Allura sewwa ghidtlek li inti qieghed tahdem ghan-nies bi flus" u dejjem skond l-Ispettur Saliba l-imputat qallu, "Fl-ahhar qbadtni". L-Ispettur Saliba esebixxa ukoll ittra immarkata bhala Dokument DS4, ittra anonima li skond l-Ispettur tikkonferma li l-imputat fil-fatt ghamel xi xoghol ta' balzmatur. Giet esebita ukoll lista fuq 'letter-head' tal-Ministeru tal-Ambjent li giet markata bhala Dokument DS5 li hija lista komplessiva tal-ghasafar, annimali u glud li gew elevati mir-residenza tal-imputat. Giet esebita ukoll fost

dokumenti ohrajn l-applikazzjoni illi l-imputat ghamel mal-Awtorita tal-Ippjanar sabiex jaghmel alterazzjoni, ‘change of use’ tal-garage tieghu sabiex dan jigi konvertit f’“taxidermist studio”.

Illi fl-istqarrija tieghu l-imputat qal illi l-professjoni tieghu hija tal-ibbalzmar u din il-professjoni ilu biha minn mindu kien ghadu tifel zghir peress illi missieru kien jibbalzma t-tjur u huwa wiret din is-sengha minghand missieru u zvillupaha mas-snin, tant li illum il-gurnata hija parti minn hajtu. Mistoqsi jekk jaghmilx dan ix-xoghol b’xejn jew inkella bi hlas, l-imputat wiegeb illi bhalissa, jigifieri meta irrilaxxja l-istqarrija, fid-19 ta’ Awissu, 1997 fis-7.25p.m. huwa kien qieghed fi stadju illi jittrenja, ha ‘courses’ barra minn Malta f’din is-sengha, per ezempju ta’ tlett xhur fid-Danimarka. Ha ‘courses’ ohrajn fl-Ingilterra, fil-Belgium u fl-Olanda u huwa membru fl-ghaqda tal-Guild of Taxidermists fl-Ingilterra u ilu hekk membru matul dawn l-ahhar ghaxar (10) snin. L-imputat qal ukoll fl-istqarrija illi huwa siefer lejn id-Danimarka bosta drabi u ghamel xoghol f’dan il-pajjiz. Fil-fatt xogholu intghogob hafna id-Danimarka u huwa mar hemmhekk diversi drabi fejn ghamel ix-xoghol ta’ ibbalzmar ghal xi nies privati. L-imputat qal illi f’Malta huwa ibbalzma ghasafar zghar u meta siefer lejn id-Danimarka huwa hadem hemmhekk, kif ukoll studja s-sengha tal-ibbalzmar.

Mistoqsi dwar it-tfittxija li ghamlet il-pulizija f'daru u mistoqsi minn fejn gab it-tjur l-imputat wiegeb illi il-percentagg kbir tal-ghasafar illi raw il-pulizija fil-'freezer' kienu maqbudin f'Malta. Il-kumplament gew impurtati mid-Danimarka, ghajr speci wahda li kienet ilha ghandu ghal dawn l-ahhar ghoxrin (20) sena u din hija il-Pigmy Cormorant. Din it-tajra kienet diga ibbalzmata qabel ma giet ghandu, jigifieri ghand l-imputat. L-Ispettur Saliba gibidlu l-attenzjoni ghall-fatt illi din it-tajra kienet fil-'freezer' u ghalhekk kien talbu jispjega kif skond hu kienet giet diga ibbalzmata u l-imputat wiegeb li din it-tajra kienet giet ibbalzmata qabel fuq stil antik u huwa rega zarmaha, xarrabha u rega poggiha fil-'freezer' sabiex tespandi u tirtab u 'il quddiem meta jkollu l-permess ikun jista ipoggiha fil-forma li jrid hu. Dwar il-kumplament tal-ghasafar l-imputat qal li dawn huma ghasafar li mietu 'in captivity' u minflok jintremew ingahtaw lilu sabiex jibbalzmahom hu. Mistoqsi jekk ghandux licenzja tal-pulizija biex jahdem bhala 'taxidemist' l-imputat qal illi sa dakinhar huwa kellu biss il-permess tal-Planning Authority u ma ghandux licenzja minghand il-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jahdem bhala ibbalzmatur. L-imputat fl-istqarrija tieghu qal illi meta kellmuh il-pulizija fosthom l-Ispettur Saliba u l-Assistent Kummissarju John Rizzo huwa ammetta maghhom li kien jaghmel ix-xoghol tal-ibbalzmar. Pero' qal illi dan kien jaghmlu bla hlas. Huwa qal illi dan ix-

xoghol illi jaghmel bla hlas ghamlu nonostante il-fatt illi ma kellux il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija u ghamlu anke qabel ma irceva il-permess tal-Planning Authority fit-13 ta' Awissu, 1997. L-imputat kompla jghid ukoll fl-istqarrija tieghu illi l-permess illi hu kien ottjena minghand il-Planning Authority kien sabiex jibdel l-uzu tal-garage tieghu minn "store" ghal "taxidermist studio" u l-permess fil-fatt inhareg f'dan is-sens u mhux sabiex huwa jahdem bhala ibbalzmatur u l-imputat wiegeb illi skond il-bord tal-verifika fl-1997 inbidlet il-Ligi fis-sens illi kwalunkwe 'taxidermist', sew professjonali jew le, ghandu bzonn licenzja. Meta rega gie mistoqsi jekk fil-fatt jikkonfermax illi huwa kellu biss permess biex juza l-garage tieghu bhala 'taxidermist studio' u ma kellu l-ebda permess biex jahdem bhala ibbalzmatur l-imputat ghazel illi ma iwiegibx din id-domanda. L-Ispettur Saliba gibed l-attenzjoni tal-imputat ghall-fatt illi l-kundizzjoni numru 3 fuq il-karti tal-Planning Authority kienet tispecifika illi mhux permess illi jaghmel xoghol ta' ibbalzmar u fil-fatt il-kundizzjoni tghid, "No stuffing of protected animals will be allowed." L-imputat ghal din id-domanda wiegeb illi huwa hadem fuq tjur illi ghalkemm huwa protett bil-ligi ghandu dokumenti li juru li tista' izzommu u skond hu qal illi 'l quddiem ikun jista jahdem fuqu. Mistoqsi dwar il-kwantita ta' "bear skins" illi l-pulizija elevaw mill-fond tieghu l-imputat wiegeb li dawn kien

xtrahom kollha fl-1997 minn fuq it-Trader Magazine u maghhom kien hemm glud ohrajn, ta' Raccoons, bicciet ta' 'wolf skins' ecc. u huwa xtrahom kollha ghas-somma ta' mitejn lira. Skond l-imputat dawn ghandhom hafna hsara ghaliex huma antiki u jistghu jintuzaw biss bhala 'rugs'.

Illi l-istqarrija kompliet l-ghada filghodu fl-10.30a.m. u mistoqsi dwar dak illi kien qal fil-gurnata precendenti u cioe' kien illi huwa ghamel dan ix-xoghol ta' ibbalzmar ghal snin twal wara li kien wiret din is-sengha minghand missieru l-imputat wiegeb, "No comment, issa iddejjaqt inkellimkom". Mistoqsi ghalfejn kien qieghed jiehu din l-attitudini l-imputat wiegeb, "Inhossni li saret u qed issir ingustizzja mieghi" u dana peress illi l-istatement ma kienx tkompla il-gurnata ta' qabel u intbaghat id-dar u minflok thalla fic-cella. Mistoqsi dwar seqer li jinstab fir-residenza tieghu f'borza tal-plastik lest ghal terzi persuni l-imputat dan cahdu u qal illi s-seqer kien tieghu u jaghmel bih li jrid. Mistoqsi jispjega ghalfejn kien qal illi huwa trainer semi-professjonali u jaghmel dan ix-xoghol b'xejn, umbaghad kellu kwantita kbira ta' ghasafar fil-freezer lesti biex jigu ibbalzmati, l-imputat wiegeb illi dawn kienu sabiex izzommhom ghalih. Dwar l-ittra mhux iffirmata miktuba fil-lingwa Ingliza li diga sar accenn ghaliha l-imputat ikkonferma li dik kienet tieghu, ma riedx jghid pero' minn fejn giet l-ittra u min kien l-awtur taghha.

Mistoqsi jekk kienx minnu illi huwa kien diga biegh ghasafar li kien ibbalzma hu stess l-imputat wiegeb ‘no comment’. Mistoqsi dwar is-‘sniffer dogs’ imsemmija f’din l-ittra l-imputat qal illi meta dan l-ahhar kien gab xi glud mid-Danimarka is-‘sniffer dogs’ ghazlu l-bagalji tieghu, pero’ dawn ma kienux illegali. Mistoqsi dwar l-awtur tal-ittra l-imputat qal, “Dan kien il-habs, izda ma ghandux” u qal illi dan kien il-habs fuq pussess ta’ glud illegali. Mistoqsi dwar dak li kien hemm miktub fl-ittra fis-sens illi l-awtur tal-ittra kellu jaghti lill-imputat xi flus, l-imputat qal illi dawn il-flus l-awtur tal-ittra kellu jaghtihomlu pererss illi l-imputat kien ghamillu xi xoghol id-Danimarka. L-imputat qal illi Malta hu qatt ma ghamel xoghol tal-ibbalzmar u meta ghamel dan ix-xoghol huwa dejjem hadem id-Danimarka u dan ghamlu sabiex kien jista ikopri l-ispejjez tal-istudju. Huwa qal illi Malta ma jahdimx u li jaghmel izommu ghalih. Mistoqsi jekk jaf li ma kellux permess tal-Pulizija l-imputat wiegeb, “Ippruvajt minn kollox biex ingib permess tal-pulizija u applikajt sentejn ilu f’Settembru tal-95, anzi irrid nghid li kien fis-26 ta’ Ottubru tan-1995 u ircevejt il-‘go ahead’ minghand il-Planning Authority fit-13 ta’ Awissu, 1997. Jien mill-ewwel ikkuntattajt lill-pulizija u qalluli li l-Pulizija li diga kellimt dwar ittri registrati li baghat f’Gunju tal-1997, PC443, jinstab bil-leave sal-ahhar ta’ din il-gimgha, pero’ d-data mhux cert minnha u ghalhekk xtaqt li nghaddi l-karti tal-

Planning Authority direttament lil PC443 ghaliex dan diga kien jaf bis-sitwazzjoni. Mistoqsi jekk b'daqshekk billi hu kien japplika biex jahdem bhala 'taxidermist', jekk setghax fil-frattemp xorta wahda jaghmel xoghol ta' 'taxidermist' l-imputat ghazel illi ma jikkummentax. Mistoqsi jekk jikkonfermax illi l-gurnata ta' qabel il-pulizija kienet elevat minghandu kwantita ta' ghodda li tintuza fis-sengha ta' 'taxidermist' l-imputat wiegeb illi dan kien veru. Mistoqsi jekk riedx jghid xi haga ohra l-imputat wiegeb li kien ghejjien u ma setax jahseb.

Illi xehed PS754 Mario Buttigieg, illi kien prezenti mal-Ispettur David Saliba meta saret it-tfittxija fir-residenza tal-imputat fit-18 ta' Awissu, 1997, u xehed illi l-imputat kien irrilaxxja stqarrija lill-pulizija u meta spicca minn din l-istqarrija tieghu l-imputat dar fuqhom u qal dawn il-kliem, "Hasra li hemm hafna bhali li jahdmu illegali, li jaqalghu iktar flus minni u minnek." F'dak il-mument skond ix-xhud l-Ispettur David Saliba qal lill-imputat, "Mela sewwa qieghed nghidlek illi inti tahdem ghan-nies u tahdem ghal-flus". L-imputat qal lill-Ispettur David Saliba, "Fl-ahhar qbadtni".

Illi xehed Stanley Gatt, Enviromental Inspector, u qal illi fil-gurnata in kwistjoni, fuq talba tal-pulizija, kien mar jassisti meta saret it-tfittxija fir-residenza tal-imputat u kien ra

diversi affarijiet relatati mal-ibbalzmar bhal tajr ibbalzmat frisk, ghajnejn tal-plastik, ‘surgical blades’, ‘brushes’, ‘stands’ fuq x’hiex jigu immuntati l-ghasafar u rollijiet tal-‘wire’ u fuq il-post kien hemm ukoll kwantita ta’ tajr mizmum fi freezer. Ix-xhud kompla jghid illi mill-ezemplari li sabu fuq il-post tnejn minnhom kienu ghadhom kif gew ibbalzmati friski u dawn kienu zewg mallards. Kien hemm ukoll kwantita kbira ta’ karkassi. Ix-xhud kompla jghid illi fuq il-post kien hemm ukoll xi ezemplari li ma kienux gew impurtati mill-imputat, imma li kienu gew impurtati minn haddiehor u kienu fil-pussess tal-imputat. Ix-xhud qal illi dan jafu peress illi mit-tag number huwa jkun jaf id-data tal-importazzjoni u min impurthom. Ix-xhud kompla jixhed dwar il-pussess ta’ gilda ta’ Pigmy Cormorant illi hija protetta u ghaldaqstant qal illi l-pussess ta’ Pigmy Cormorant huwa illegali. Dwar il-Weasel huwa xehed illi l-pussess tieghu huwa illegali hlief jekk dan ikun qieghed jinzamm ghar-ragunijiet xjentifici u xehed illi l-imputat ma kellu l-ebda permess f’dan is-sens. Dwar il-Brown Bear u l-wolf ix-xhud qal illi biex persuna tkun f’pussess ta’ dawn il-glud irid ikollha licenzja specjali peress li dawn huma protetti permezz tal-Ligi Internazzjonali. Mistoqsi dwar il-‘mounted specimens’, u kif seta jghid li tnejn minnhom kienu gew immuntati friski, ix-xhud wiegeb li l-ghasafar kellhom ‘security tag’ ma saqajhom u gia la darba gew

impurtati bhala glud u hu sabhom immuntati wasal ghall-konkluzzjoni illi kienu gew ibbalzmati friski peress illi mill-istess tag irrizulta illi kienu gew impurtati f'Malta recentement.

Illi xehed PC433 Vince Mifsud, stazzjonat it-Trading Licensing Office, u qal illi l-imputat ma kellux licenzja sabiex jopera bhala 'taxidermist' u dan certament fiz-zmien illi saret ir-raid mill-pulizija fir-residenza tieghu. Jaf illi l-imputat kellu imur japplika il-Planning Authority, pero' mhuwiex sufficjenti li jkollok il-permess tal-Planning Authority, imma jenhtieg ukoll il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija sabiex wiehed ikun jista jahdem bhala 'taxidermist'. L-imputat certament ma kellux dan il-permess f'idejh.

Illi xehed certu George Azzopardi u qal illi kien gie imsejjah fl-ufficju tal-Ispettur David Saliba sabiex jezamina 'rifle' tal-ghamla Remington ta' "calibre .22 15 repeater" u qal illi dan kien licenzjat ghandu u hu kien bieghu lill-imputat xi zmien wara l-11 ta' Marzu, 1995. Azzopardi xehed illi dan ir-rifle kellu marka distintiva fis-sens illi kellu difett illi l-'push head' tieghu kien waqa u kien tghawwiglu u kien b'hekk illi kien induna illi r-rifle li kien urih l-Ispettur David Saliba kienet tieghu u li hu kien bieghu lill-imputat.

Illi xehed Joseph Felice, rapprezentant tal-Awtorita tal-Ippjanar u qal illi l-imputat fuq imsemmi kien applika ghal 'change of use' fir-residenza tieghu minn 'garden store' ghal 'taxidermist studio' u l-permess inhariglu f'Awissu tal-1997. Felice xehed illi dan il-permess tal-Planning Authority mhuwiex sufficjenti u huwa dejjem suggett ghall-permess illi jinhareg mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi xehed il-Professur Patrick Schembri illi ipprezenta u halef ir-relazzjoni tieghu. Mistoqsi dwar jekk huwiex permess illi wiehed izomm 'protected species' li jkunu mietu b'mewta naturali huwa qal illi jkun possibli illi wiehed ikollu pussess ta' 'protected species' li jkunu mietu mewta naturali, pero' dejjem ikun jenhtieg il-permess necessarju tal-'Environment Protection Department'.

Illi xehed Emanuel Mallia li ukoll ipprezenta u halef ir-relazzjoni tieghu. Mistoqsi dwar il-karkassi ta' ghasafar li kien ezamina huwa qal illi kien hemm minnhom illi kienu ghadhom marbutin bl-ispag, imdawwrin bl-ispag biex izommu il-forma. Huwa xehed illi dan ifisser illi dawn l-ghasafar ikunu ibbalzmati friski. Normalment min ikollu ghasafar li jkunu ilhom ghandu ma izommhomx marbutin bl-ispag.

Illi xehed l-imputat fuq imsemmi u qal illi huwa wiret din l-arti minghand missieru. Wiret ukoll l-ghodda kollha li sabulu l-pulizija. Huwa xehed illi meta fl-1997 sehh ir-raid in kwistjoni mill-pulizija kien tfacca id-dar tieghu l-Assistent Kummissarju John Rizzo, kienu marru flimkien fil-freezer jiccekjaw l-ghasafar u l-Assistent Kummisarju kien qallu, "Dawn qieghed tibbalzma?". U l-imputat xehed illi sa fejn jaf hu huwa seta izomm dawn l-ghasafar ghaliex kollox kien legali u fil-fatt kien wera lill-Assistent Kummissarju d-dokumenti tal-importazzjoni u d-dokumenti tal-Planning Authority illi kellu permess sabiex jibdel il-'garden shop' tieghu ghal 'taxidermist studio' u kien qalilhom ukoll illi l-ghodda kienet ilha ghandu tletin, erbghin sena. L-imputat xehed illi fl-1997 harget ligi illi kienet tghid illi tinhtieg licenzja sabiex tkun tista tibbalzma u huwa fl-1997 ma ibbalzmax u l-ghasafar ibbalzmati li sabu ghandu l-pulizija kienu gew ibbalzmati qabel u l-bicca l-kbira minnhom kienu ta' farms, papri tal-'farms' illi kienu mitluqin, ghadhom bil-hajt mitluqin. Skond l-imputat kull ghasfur illi kellu kien jidher f'dokument tad-Dipartiment tal-Ambjent bid-data ta' meta dahal f'Malta. Dwar il-Pigmy Cormorant l-imputat qal illi dan ma hu xejn hlief 'cabinet skin' li jintuza minn artisti sabiex ikunu jistghu ippitru ghall-kotba tal-ghasafar u dan kien spicca f'idejh ghoxrin sena qabel u hu kien zammu. L-

imputat xehed illi huwa xtaq jibdel il-forma ta' dan il-Pigmy Cormorant u iwaqqfu fuq pedestal kif suppost. Huwa kien qeghdu fil-freezer ghaliex meta ixxarrab il-gilda u tqeghda fil-freezer din tismen u tirtab. Illi dwar il-'canes lupus' l-imputat xehed illi minkejja illi l-Professur fir-relazzjoni tieghu iddikjara illi dan huwa 'canes lupus' skond l-imputat dan huwa Cayote u mhuwiex protett. Dwar il-'birds skins' huwa xehed illi dawn kienu impurtati f'Malta fl-1986, u huwa kien xtrahom minn fuq gazzetta, kien xtara l-lot shih ghal mitejn lira (LM200) u maghhom kien hemm il-Brown Bears u skond l-imputat dawn kollha kienu dahlu f'Malta qabel l-1986, jigiferi qabel ma kienet harget il-Ligi illi kienet tipprojbixxi l-importazzjoni taghhom f'Malta. L-imputat xehed illi ma setax jiftakar minghand min xtrahom, pero' qal illi kellu l-indirizz u t-telefon number minghand min kien xtrahom. Dwar il-'bears' l-imputat xehed illi dawn kien xtrahom minghand Carmen Attard minn Hal-Tarxien. Dwar il-Weasel l-imputat xehed illi dan kien ilu ghandu, ma kienx ibbalzmah hu, imma kien ibbalzmaha missieru u kienet ilha ghandu fuq l-ghoxrin sena. Il-ligi dwar din il-Weasel kienet harget ricentement, qatt ma kienet harget amnestija biex seta jiddikjaraha u allura kienet baqghet ghandu. Dwar l-arma l-imputat xehed illi din kien xtraha minghand George Azzopardi u meta sar it-'transfer' kien hallsu l-ammont kollu illi kien talbu. Dan kien tah il-licenzja u fil-fatt esebixxa il-

licenzja f'dawn l-atti. L-imputat xehed dwar l-ghasafar illi kienu fil-freezer u qal illi dawn kienu kollha ghalih u ma kien qieghed jaghmel xejn ghall-flus, ma kien qieghed jaghmel xejn bi skop kummercjali. L-imputat kompla jixhed dwar il-kliem illi kien qal l-Ispettur David Saliba meta spicca l-istqarrija tieghu, meta kien qal lill-Ispettur David Saliba illi fl-ahhar kien qabdu, l-imputat qal illi huwa qal dan id-diskors wara li kien ilu arrestat 37 siegha. L-imputat kompla jixhed illi meta l-Ispettur Saliba kien ghandu d-dar, qabel ma kien arrestah huwa kien qallu lill-Ispettur, "Hasra li gejtu ghandi meta hawn hafna li jaghmlu din il-kwalita ta' xoghol u kollox ghandhom illegali u jaghmlu hekk ghaliex ikun hemm xi ras kbira tghinhom". Skond l-imputat l-Ispettur Saliba qallu li jekk ma kienx ser jieqaf kien ser jiehu passi kontra tieghu ghall-allegazzjonijiet li kien qieghed jaghmel. Huwa xehed illi skuza ruhu u l-bicca waqfet hemm hekk. Meta wara l-arrest rega qabad l-istess suggett u rega irrepeta dak illi kien qal lill-Ispettur Saliba qabel meta kienu d-dar tieghu kien qal lill-Ispettur Saliba, "Jiena qieghed nipprova naghmel kollox kif trid il-Ligi ghaliex gejtu ghandi u mhux ghand haddiehor?" Qallu, "Qbadtni hej". Skond l-imputat dan il-kliem qalulu ghaliex kien jaf li kien qieghed jaghmel kollox sew, anke applika u kullma kellu kien skond il-Ligi u li ried kien illi kien hemm min kien qieghed jikser il-Ligi, pero' l-pulizija kienu gew ghandu. L-imputat xehed illi meta gew

ghandu l-pulizija fl-1997 huwa kellu l-permess tal-Planning Authority sabiex il-'garden shed' tieghu jibdilha f'taxidermist studio'.

Illi xehdet Carmen Attard u qalet illi kienet irritornat Malta fl-1986 mill-Canada u meta irritornat f'Malta flimkien ma zewgha gabet maghha xi 'bear skins'. Kien hemm xi tmienja, ghaxar 'bear skins'. Ix-xhud qalet illi zewgha kien ikkacja dawn il-'bears' hu stess il-Canada u qalet illi hija bieghithom lill-imputat ghas-somma ta' mitejn lira (LM200). Ix-xhud qalet illi saret taf bl-imputat meta kienet rat riklam fis-sens illi l-imputat kien interessat biex jixtri 'bear skins'. Ix-xhud kompliet tghid illi hija kienet isseparata minn ma zewgha, pero' zewgha li kien kaccatur kien hallilha dawn il-'bear skins' 'buona volonta' tieghu. Hija kienet abbonat fil-magazine 'il-Kacca' u b'hekk kienet rat isem l-imputat u bieghitlu dawn il-'bear skins' ghas-somma ta' mitejn lira (LM200), pero' ma kienitx tat lill-imputat ricevuta f'dan is-sens. Ix-xhud giet mistoqsija mill-Qorti kif kienet taf b'dan il-magazine 'l-Kacca' u kif xtratu ghall-habta tal-1997 meta hija kienet irritornat f'Malta fin-1986 u isseparat minn ma zewgha dik il-habta. Ix-xhud spjegat illi ghalkemm zewgha ma kienx jikkacja f'Malta u hija kienet diga separata minn mieghu kienet interessat ruhha fil-kacca u saret taf b'dan il-magazin. Ix-xhud qalet illi hija isseparat minn ma zewgha

fl-1996 u mhux fl-1986. Ix-xhud esebiet dokumentazzjoni li skond hi turi li kienet dahhlet xi merkanzija f'Malta mill-Canada. Ix-xhud ikkonfermat illi hija ghamlet affidavit f'dan is-sens fuq talba tal-imputat. Xehdet ukoll illi lill-imputat ma kienitx tafu qabel ma bieghitlu l-bear skins. Hija xehdet illi bieghet il-bear skins lill-imputat ghall-habta tal-1996 u l-imputat kien gie ghalihom id-dar taghha. Ix-xhud giet mistoqsija ghalfejn ma nizlitx fl-affidavit taghha kemm bieghet skins lill-imputat u hija qalet li ma nizzlitx specifikatament kemm kien hemm foxes, kemm kien hemm bear skins etc. ghaliex ma hassitx il-htiega illi taghmel hekk. Pero' s-somma ta' mitejn lira li hallasha l-imputat kien l-ammont totali li hallasha ghall-glud kollha li bieghitlu. Ix-xhud qalet ukoll li kienet waslet ghall-valur ta' mitejn lira peress illi marret tkellem lill-impjegat illi jahdem fil-hanut Fenech Azzopardi l-Belt. Ix-xhud kompliet tghid illi fir-reklam illi kienet rat fil-gazzetta "l-Kacca" kien hemm miktub illi l-imputat kien ibbalzmatur u meta rat ir-riklam mohha ma marx biss ghall-fatt illi l-imputat seta jibbalzma l-ghasafar, imma anke li seta jibbalzma ukoll l-annimali u dana peress li zewgha kien jaghmel hekk il-Canada. Ix-xhud qalet illi ma tafx jekk kienx hemm bzonn xi licenzja biex setghet dahhlet dawn il-'bear skins' f'Malta, pero' taf illi ghal Canada ma hemmx bzonn ta' din il-licenzja. Hija xehdet li dawn kienu annimali li kien qabad zewgha stess. Ix-xhud kellha fil-

pussess taghha u ippruvat tesebixxi dokumenti bhal ittra mibghuta minn certu Mr Macdonald lill-imputat li ammettiet li ma kienet taf xejn dwarha u ghaldaqstant umbaghad ma esebithiex u hija kienet bi hsieba tesebixxi ukoll ittra indirizzata lill-imputat mibghuta minn xi hadd bl-isem Kim u qalet illi ma taf xejn dwar din l-ittra u ghalhekk ma esebithiex.

Illi Carmen Attard giet riprodotta u qalet illi fis-seduta precedenti hija kienet xehdet illi kienet rat riklam fuq il-gazzetta il-Kacca b'isem l-imputat li kien jghid li kien ibbalzmatur. Pero' issa kienet qeghda tiftakar li kienet hi stess li ghamlet ir-riklam fuq il-gazzetta "The Trader" u mhux "Il-Kacca". Ix-xhud kompliet tghid illi ftakret wahedha u mhux ghaliex gie issuggerit lilha minn xi hadd illi kienet hi stess illi kienet ghamlet dan ir-riklam. Skond ix-xhud wara li ghamlet hi stess dan ir-riklam kien cempliha l-imputat, ftehmu li jigi jara x-xoghol id-dar taghha u ftehmu dwar in-negozzju. Dwar il-prezz ftehmu mitejn u hamsin lira. Ix-xhud qalet illi ghalkemm biddlet il-verzjoni taghha f'dan ir-rispett hija tibqa tghid illi fl-intier taghha ix-xhieda kollha illi tat precedentement hija veritiera hlief ghal dan il-fatt, u cioe' illi kienet hi li ghamlet ir-riklam u mhux l-imputat. Ix-xhud qalet ukoll illi r-riklam ghamlitu fl-1998 u l-bejgh tal-ghasafar sar wara li ghamlet ir-riklam, cioe' cirka sentejn

wara s-separazzjoni taghha.  Illi x-xhud esebiet ukoll il-kuntratt ta’ separazzjoni personali bejnha u bejn zewgha datat 7 ta' Novembru, 1996.  Mistoqsija mill-Ufficjal Prosekutur kif tispjega l-fatt illi ghalkemm qeghda tixhed illi bieghet lill-imputat il-‘bear skins’ fl-1998 meta dawn il-‘bear skins’ gew elevati mill-Ufficjal Prosekutur minghand l-imputat fl-1997 hija qalet illi issa qeghda tiftakar illi fil-fatt bieghethomlu fl-1997 u mhux fl-1998 u skuzat ruhha talli ghamlet dan l-izball fix-xhieda taghha.  Mistoqsija x’kienet il-verita, jekk hux ix-xhieda li tat fit-2 ta’ Settembru 1999, ix-xhieda taghha tas-26 ta’ Ottubru 1999 fl-ewwel parti taghha jew ix-xhieda tas-26 ta’ Ottubru, 1999 fl-ahhar parti taghha, x-xhud qalet illi l-verita hi illi bieghet l-oggetti fl-1997, ir-riklam ghamlitu fl-1996, pero’ l-oggetti bieghithom fl-1997.

Illi xehed Joseph Perici Calascione, konsulent amministrattiv tal-Federazzjoni Kaccaturi u Nassaba Konservazzjonisti.  Dan ix-xhud xehed kif gej: (a fol. 258 tal-process): “Konna nafu li kien hemm nies li jaghmlu dan il-mistier bi skop kummercjali.  Wiehed biss kien applika ghall-licenzja u dana kien l-imputat Roger Degiorgio u dana kien meta konna nafu li kien hemm nies ohrajn.  Waqt illi l-imputat kien applika ghall-licenzja ghall-habta tal-1995, xi granet wara, jew anke forsi l-ghada li kien applika kienet saritlu tfittxija fid-dar tieghu.  Naf zgur li kien wara li applika

ghal-licjenza ghaliex hu gie ghandna u qalilna “ara x’garali wara li applikajt gew jaghmluli raid”.  Ix-xhud kompla jghid illi sussegwentement kien hariglu l-permess tal-Planing Authority u l-imputat kien infurma lill-pulizija f’dan is-sens. Meta l-imputat informa lill-pulizija saritlu raid ohra u huma bhala federazzjoni kienu ikkontestaw dan il-fatt peress illi kien hemm bniedmin ohrajn li jaghmlu dan ix-xoghol u l-imputat kien l-unika persuna li kien applika u ottjena l-licenzja u seta iservi ta’ ezempju ghall-ohrajn li ma kienux applikaw ghal-licenzja u b’dan il-mod kemm l-awtoritajiet u kif ukoll l-Federazzjoni kollha kontroll fuq dawn in-nies li jahdmu ghall-skopijiet kummercjali u ghalhekk hassew li l-agir tal-pulizija kien ta’ detterent ghal haddiehor fis-sens illi umbaghad hadd ma japplika. Ix-xhud in kontro-ezami qal illi jaf li l-permessi li kellu l-imputat kien tal-Planning Authority u jaf illi biex taghmel xi mistier ikollok bzonn il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija u minn informazzjoni li ghandu x-xhud l-imputat ma kellux il-licenzja tal-Kummissarju meta sarlu r-raid fin-1997, pero’ kien applika ghaliha u dan sabiex jigi regolarizzat.  Ix-xhud kompla jghid illi kien hemm ftehim tacitu illi min jibbalzma ghal skopijiet personali ikun qieghed jaghmel kollox b’mod legali.  Dan il-ftehim tacitu kien dejjem  fost il-membri tal-ghaqda taghhom.

Illi rega xehed l-Ispettur David Saliba u cahad kategorikament illi tal-ambjent kienu qalulu illi kollox kien sew fid-dar tal-imputat meta ghamlulu r-raid in kwistjoni. Anzi tant ma kienx kollox sew illi kien gie infurmat illi l-imputat ma kellux permess biex jibbalzma  u l-persuna li kienet giet biex tghin lill-pulizija dakinhar kienet gibdet l-attenzjoni tal-Ispettur Saliba dwar tajra partikolari u kien qallu li din kienet tajra prottetta.  L-Ispettur Saliba xehed illi din it-tajra protetta kienet fil-freezer ghand l-imputat u jekk kien hemm permess dwar din it-tajra prottetta l-imputat ma ipprezentahiex lill-“environment officer”  li kien prezenti mal-Ispettur Saliba meta saret it-tfittxija.  L-Ispettur Saliba kompla jixhed illi talab lill-imputat dokumentazzjoni tal-affarijiet illi huwa eleva u f’dak l-istadju l-imputat ma kellux id-dokumentazzjoni mehtiega.  Huwa xehed ukoll illi informa lill-Magistrat Inkwirenti minn fuq it-telephone fir-residenza tal-imputat b’dak illi kien qieghed jigri.  Dwar ir-rifle li kienet giet elevata mir-residenza tal-imputat l-Ispettur Saliba xehed illi s-serial number ta’ din ir-rifle mhuwiex l-istess serial number illi jidher fuq l-istess licenzja tar-rifle.

Ikkunsidrat  :

Illi l-Qorti ser tibda tezamina l-akkuzi kollha wahda wara l-ohra sabiex tara jekk jirrizultawx jew le.

Illi dwar l-ewwel akkuza u cioe' talli fil-Mosta, fit-18 ta' Awissu, 1997 u matul dawk l-ahhar xhur l-imputat ibbalzma jew ammonta xi ghasafar jew animali ohrajn, kemm ghal skopijiet kummercjali kif ukoll ghal skopijiet personali, jew kellu fil-pussess tieghu ghodda, kimika, apparat iehor etc. li soltu jintuza ghall-ibbalzmar, minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizja il-Qorti f'dan ir-rigward tirrileva illi fir-relazzjoni ipprezentata mill-Perit Tekniku William Cassar Torreggiani mahtur mill-Magistrat Inkwirenti, u precizament fil-konkluzzjonijiet a fol. 49 tal-process, hemm imnizzel illi fuq il-parti estrema tal-gnien tal-fond tal-imputat kien hemm kamra vojta li kienet xi zmien tintuza bhala guva u zewg kmamar ohra separati minn gewwa fejn kien isir xoghol tal-ibbalzmar. William Cassar Torreggiani ikompli jghid illi fil-kamra ta' gewwa kien hemm 'chest freezer' mimli b'ghasafar u glud tal-ghasafar lesti ghall-ibbalzmar. Fil-kamra kien hemm tajr ibbalzmat u ohrajn fil-procedura ta' ibbalzmar. Gew elevati t-tajr kollu ibbalzmat u c-'chest freezer' mimli bl-ghasafar. William Cassar Torreggiani elenka fir-relazzjoni tieghu t-tajr ibbalzmat u l-glud. Huwa irrileva ukoll illi kien hemm kwantita ta' zkuk niexef, gebel u 'stands' ghall-ghasafar li jintuzaw wara li l-ghasafar ikunu gew ibbalzmati. William Cassar Torreggiani qal ukoll illi kien hemm 48 speci immuntati u ibbalzmati u ghoxrin gilda

tal-ors, racoon, lupu u volpi. Illi kien hemm 949 speci li kienu meta ezaminhom hu fil-freezer fl-istore tal-Ospizio, Floriana fil-pussess tal-Ministeru ghall-Ambjent. Illi l-valur tal-glud tal-ghasafar ras ghal ras gew stmati disgha telef sitt mija u erbgha u disghin lira. (LM9,694).

Il-Qorti ezaminat ukoll ir-relazzjoni ta' Emanuel Mallia illi gie mahtur mill-istess Qorti sabiex jezamina l-karkassi u t-tjur ibbalzmati u jindika lill-Qorti liema minn dawn l-ispeci kienu protetti u liema ma kienux. Emanuel Mallia xehed illi meta ezamina l-ghasafar u l-animali ibbalzmati huwa kien ezamina karkassi ta' ghasafar ibbalzmati u immuntati u kien hemm minnhom li kienu ghadhom marbutin bl-ispaga biex izommu l-forma. Skond ix-xhud dan ifisser li jkunu ibbalzmati friski, pero' ma setax jghid precizament kemm kienu ilhom ibbalzmati. Huwa xehed illi normalment min ikollu ghasafar li jkunu ilhom ghandu ma jkunux marbutin bl-ispag u sabiex tista tibbalzma l-ghasafar trid ikollok licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti rat ukoll x-xhieda ta' Stanley Gatt, l-'environmental inspector', illi xehed illi kien acceda fil-fond tal-imputat flimkien mal-Ispettur David Saliba u fuq il-post kien ra affarijiet relatati mal-ibbalzmar. Dawn kienu jinkludu tajr ibbalzmat frisk, ghajnejn tal-plastik, 'surgical blades',

‘brushes’, ‘stands’ ecc., kif ukoll rollijiet tal-‘wire’. Fuq il-post kien hemm ukoll kwantita ta’ tajr illi kien gie mizmum go freezer. Stanley Gatt kompla jixhed illi mill-ezemplari li sabu fuq il-post irrizulta li tnejn minnhom kienu ghadhom kif gew ibbalzmati friski u dawn kienu zewg “mallards”. Kien hemm kwantita kbira ta’ karkassi. Stanley Gatt qal ukoll illi kien hemm ukoll xi ezemplari li ma kienux gew impurtati mill-imputat, imma minn haddiehor u kienu jinsabu fil-pussess tal-imputat u dana jafu peress illi ra t-tag number fejn ikun hemm imnizzel id-data tal-importazzjoni u min importa l-ghasfur. Dwar il-pussess ta’ gilda ta’ Pygny Cormorant, Stanley Gatt xehed illi il-pussess ta’ Pygny Cormorant huwa illegali, kif ukoll il-pussess ta’ Weasel. Huwa xehed illi l-imputat ma kellux il-permessi necessarji u dan peress illi l-pussess huwa permess ta’ weasel huwa permess biss ghal skopijiet ta’ xjenza (scientific purposes). Illi dwar il-‘mounted specimens’ Stanley Gatt xehed illi jaf illi l-ghasafar kienu gew immuntati friski peress illi l-ghasfur kellu is-‘security tag’ ma saqajh li ma setax jinqala u gia la darba huwa kien gie impurtat bhala gilda u huwa sabu ibbalzmat allura iddeduca li dana kien gie immuntat bejn id-data tal-importazzjoni u d-data li saret r-raid mill-pulizija fid-dar tal-imputat u b’hekk allura Stanley Gatt iddeduca illi dawn it-tlett ghasafar kienu gew immuntati friski.

Illi l-Qorti ezaminat ukoll l-istqarrija illi irrilaxxja l-imputat fejn qal a fol. 84 tal-process, "illum qieghed nipprova naqbad il-professjoni tieghi illi hija tal-ibbalzmar. Irrid nghid illi din il-professjoni ilni biha minn mindu kont ghadni tifel zghir. Kien missieri li kien jibbalzma t-tjur u speci writt din is-sengha li zvilluppat mas-snin u li hija parti minn hajti.

Illi a fol. 85 tal-process l-imputat fl-istqarrija tieghu mistoqsi jekk jafx illi ma kellux il-licenzja sabiex jahdem bhala ibbalzmatur u dan b'referenza ghall-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija l-imputat wiegeb, "iva sew qed tghid jien ma ghandix." Fl-istqarrija tieghu l-imputat ammetta ukoll illi huwa kien ghamel dan ix-xoghol tal-ibbalzmar, pero' qal illi ghamlu minghajr hlas. L-imputat ammetta illi kien anke ghamel xoghol ta' ibbalzmar qabel ma kien irceva l-permess minghand il-planning authority. L-imputat qal ukoll a fol. 85 tal-process, " jiena hdimt fuq tajr li ghalkemm huwa prottett bil-Ligi ghandi dokumenti li juru li tista izzommu u 'l quddiem nista nahdem fuqu". A fol. 87 tal-process l-imputat ammetta illi huwa hadem bhala ibbalzmatur, pero' qal illi dak li ghamel ghamlu ghalih, minkejja l-fatt li ma kellux il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi ghaldaqstant jirrizulta car u fuq ammissjoni tal-istess imputat illi l-ewwel imputazzjoni giet ippruvata.

Illi l-Qorti tinnota ukoll illi anke meta xehed Joseph Perici Calascione, xhud tad-difiza u precizament a fol. 260 tal-process ix-xhud qal illi jaf illi biex taghmel xi mistier bhal tal-balzmatur trid ikollok il-permess tal-Kummissarju tal-pulizija u mill-informazzjoni li ghandu l-imputat ma kellux din il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, pero' kien applika ghaliha sabiex jigi regolarizzat.  Skond dan ix-xhud pero' l-assocjazzjoni taghhom kienu lahqu ftehim tacitu bejniethom, ovvjament mhux legali illi min ried ghal skopijiet personali seta'  jibbalzma.  Pero' x-xhud stess Perici Calascione ammetta illi sabiex taghmel hekk b'mod legali ghandek bzonn il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija, liema permess fil-fatt irrizulta anke mill-atti kollha ta' dan il-process illi l-imputat ma kellux (p. 37).

Illi l-Qorti issa ser tara jekk gietx ippruvata t-tieni imputazzjoni u cioe' talli fl-istess data, lok u hin l-imputat ibbalzma jew immonta ghasafar li m'humiex imsemmijin fl-iskedi I, II u III fl-avviz legali 146/93, ukoll hekk kif emendat bl-Avviz legali 45/1996.

Illi f'dan ir-rigward una volta gie ippruvat illi fil-fatt l-imputat kien qieghed jibbalzma l-Qorti sejra tezamina r-relazzjoni tal-Maggur Emanuel Mallia mahtur mill-Qorti sabiex jezamina l-karkassi u t-tjur ibbalzmati u jindika lill-Qorti liema minn dawn l-ispeci huma protetti mil-Ligi jew le u fil-fatt a fol. 166, 167, 168, 169, 170, 171, 172, 173, 174, 175, 176, 177, 178, 179, 180, 181, 182, 183, 184 u 185 tal-process il-Maggur Emanuel Mallia jelenka l-ispeci protetti mil-Ligi illi instabu fir-residenza tal-imputat dakinhar illi saret ir-raid mill-pulizija. Fl-istess relazzjoni hemm imnizzel ukoll l-Avviz Legali 146/1993 illi jispecifika illi dawn it-tjur huma prottetti. Ghaldaqstant it-tieni imputazzjoni tirrizulta ampjament ippruvata.

Illi tirrizulta wkoll t-tielet imputazzjoni u dana peress illi l-imputat illi gie ippruvat li kien qieghed jibbalzma, ma ipproduca l-ebda registru fejn nizzel car hdejn id-data tad-dhul sid kull ghasfuq jew ghasafar, l-indirizz tieghu u n-numru tal-karta tal-identita u t-tip ta' speci ta' ghasfur jew ghasafar illi ghandu jibbalzma, liema dettalji kellhom ikunu kontrosenjati mill-istess sid, anzi, l-imputat qal illi ma zamm l-ebda registru bhal dan ghaliex huwa ma ibbalzmax f'Malta.

Illi dwar ir-raba akkuza u cioe li l-imputat kellu fil-pussess tieghu ghasfuq u cioe' Pigmy Cormorant haj jew mejjet, jew parti minn xi ghasfur li mhux inkluz fl-iskeda I, II jew III bi ksur tal-Ligi l-Qorti terga taghmel accenn ghax-xhieda ta' Stanley Gatt u precizament a fol. 114 u 115 tal-process fejn qal il-pussess ta' Pigmy Cormorant huwa illegali.

Illi irrizulta mill-process illi fil-fatt instabet il-gilda tal-Pigmy Cormorant ghand l-imputat (vide ir-relazzjoni ta' William Cassar Torreggiani). L-imputat stess accenna ghaliha a fol. 84 tal-process fl-istqarrija illi irrilaxxja lill-pulizija huwa qal dwar din il-Pigmy Cormorant illi din kienet ilha ghandu matul dawn l-ahhar ghoxrin sena u kienet diga giet ibbalzmata qabel. L-Ispettur Saliba gibidlu l-attenzjoni ghall-fatt illi din instabet fil-freezer u huwa qal li din it-tajra kienet ibbalzmata qabel fuq stil antik u hu rega zarmaha, xarrabha u rega poggiha fil-frezzer biex tespandi u tirtab.

Illi meta xehed fil-Qorti dwar il-Pigmy Cormorant, l-imputat xehed illi dan mhu xejn hlief cabinet skin li jintuza minn artisti biex ikunu jistghu ippitru ghall-kotba tal-ghasafar u spicca f'idejh ghoxrin sena ilu. Huwa xtaq jaghmlu mod iehor u iwaqqfu fuq pedestal kif suppost kien. Dwar il-fatt illi l-Pigmy Cormorant kien fil-freezer huwa qal illi l-gilda

meta ixxarrabha u tqeghda fil-freezer tismen u tirtab u esebixxa dokument illi skond hu juri dan kollu.

Illi l-Qorti ezaminat dan id-dokument a fol 214 tal-process intitolat "Relaxing and cleaning old cabinet bird skins" u rat illi minn imkien ma jirrizulta minn dan id-dokument esebit mill-istess imputat illi sabiex issir "relaxation" ta' "old cabinet skins" jenhtieg illi dawn titfaghhom fi freezer.  Li jissemma huwa (1) "opening stiching, removing filling and packing with wet cotton pads", (2) "Total immersion in a tank of water and weighted down until the skin is saturated"; (3) "Injection of water into all parts of the filling" jew (4) "total immersion for a few minutes in boiling water". Hemm umbaghad imsemmija zewg metodi ohrajn, wahda minnhom "plaster box" li fiha ikun hemm "coating" ta' "plaster of Paris" u "zinc box", galvanizzata mimlija terz minnha bir-ramel u imxarrba sew bl-ilma, il-gilda tkun imgezzwra u imqeghda fuq ir-ramel, umbaghad mghottija bic-craret nodfa, jew karta li fuqha ma jkunx hemm tipa.  Illi kif diga inqal bl-ebda mod mhu imsemmi l-uzu ta' 'freezer' f'dan id-dokument u ghalhekk l-imputat ma irnexxilux jipprova lanqas sal-grad tal-probabbilta illi l-gilda kienet fil-'freezer' sabiex huwa jerga jimmuntaha mill-gdid.

Illi ghalhekk l-imputat ma irnexxilux jipprova lanqas sal-grad tal-probabbilita l-verzjoni illi ta' dwar il-pussess li kellu tal-gilda tal-Pigmy Cormorant. Ghaldaqstant ir-raba imputazzjoni giet ukoll ippruvata.

Illi dwar il-hames imputazzjoni illi l-imputat zamm fil-pussess tieghu ghasafar ghal kull skop xjentifiku, veterinarju jew ghan iehor bhal dan jew ghar-ragunijiet ta' sahha pubblika jew sigurezza pubblika minghajr l-awtorizzazzjoni tal-ministru responsabbli ghal ambjent din l-imputazzjoni ukoll giet ippruvata ghar-ragunijiet imsemmija aktar 'il fuq f'dan il-gudikat (vide fol. 27).

Illi dwar is-sitt imputazzjoni illi l-imputat kellu fil-pussess tieghu, kwantita ta' xi ezemplari inkluzi fit-tieni skeda tar-regolamenti 19/92 kif emendat u cioe' wolf u bear minghajr ma kellu fil-pussess tieghu certifikat jew licenzja li ghandhom x'jaqsmu ma dan l-ezemplari l-imputat tella tixhed in difeza lil certa Carmen Attard. Din ix-xhud xehdet f'dawn il-proceduri u qalet illi bieghet dawn il-'bear skins' lill-imputat ghas-somma ta' mitejn lira u hija saret taf bl-imputat meta kienet rat riklam li kien ghamel hu fis-sens li kien interessat biex jixtri 'bear skins'. Ix-xhud qalet illi kienet abbonat fil-magazin 'il-Kacca' u kien hemm hekk li kienet rat dan ir-riklam. Ix-xhud qalet ukoll li kien l-istess

imputat li kien cemplilha u kien talabha taghmel affidavit u hija hekk ghamlet. Ix-xhud tkompli tixhed a fol 233 tal-process li "fir-riklam li kien gab fil-gazzetta 'l-Kacca' kien hemm miktub li l-imputat huwa ibbalzmatur. Nghid li meta rajt ir-riklam li huwa balzmatur mohhi ma marx biss ghall-fatt li jibbalzma l-ghasafar, imma anke li jista jibbalzma l-annimali u dana peress li zewgi meta kont il-Canada hekk kien jaghmel."

Illi ta' min jghid ukoll illi meta Carmen Attard telghet tixhed, xi hadd ghaddhielha ukoll xi ittri u qalilha biex tesebihom il-Qorti meta tixhed. Wahda minnhom kienet indirizzata lill-imputat datata 21 ta' Lulju, 1999 mibghuta minn xi hadd Kim u dokument iehor kienet ittra mibghuta minn certu Mr. Mcdonald. Ix-xhud ammettiet illi ma taf xejn dwar dawn iz-zewg ittri u ghalhekk umbaghad ma esebithomx.

Illi fl-affidavit taghha ta' fol. 236 tal-process Carmen Attard tghid hekk : "That I sold Black Bear and other animal skins for the sum of Lm200 which skins I imported from Canada on 21st February, 1986 as part of my personal belongings which skins do not require any export from Canada." Dan l-affidavit gie maghmul fis-26 ta' Lulju, 1999.

Illi pero' Carmen Attard gie riprodotta u reghet xehdet fis-26 ta' Ottubru 1999 u qalet li issa kienet ftakret illi ma kienx l-imputat illi kien ghamel ir-riklam, imma kienet hi li kienet ghamlet ir-riklam u l-gazzetta kien jisimha 'The Trader' u mhux 'il-Kacca' kif kienet xehdet precedentement a fol. 231 tal-process. Qalet illi kienet waheda li ftakret u mhux ghaliex kien gie issuggerit lilha minn xi hadd, illi kienet hi stess illi suppost ghamlet dan ir-riklam. Carmen Attard kompliet tixhed illi wara li ghamlet dan ir-riklam cemplilha l-imputat, ftehmu u sar in-negozju u din id-darba xehdet illi l-prezz miftiehem ta' mitejn u hamsin lira, mentri fis-seduta precedenti hija kienet qalet illi bieghet dawn il-glud ghas-somma ta' mitejn lira u mhux mitejn u hamsin lira. Carmen Attard xehdet ukoll illi bieghet l-oggetti lill-imputat fl-1998. Ftit wara pero' xehdet illi bieghithomlu fil-fatt fl-1997 u dana wara li gibdilha l-attenzjoni ghal dan il-fatt l-Ufficjal Prosekutur.

Illi minn dan kollu jirrizulta car illi din hija xhud mhux kredibbli. Il-Qorti ma tistax teskludi l-possibilita illi xi hadd tkellem ma din ix-xhud u bl-istess mod kif intalbet taghmel l-affidavit u intalbet ukoll biex tixhed il-Qorti u qalulha kif ghandha tixhed, pero' Attard thawwdet in inqabdet fil-gidba. Il-Qorti kellha l-opportunita kollha li tezamina l-komportament ta' din ix-xhud fuq il-pedana tax-xhieda u

irrizultaha li x-xhud ma kienitx taf x'qieghed jigri u l-Qorti ma ghandha l-ebda dubju illi Carmen Attard ma taf xejn dwar din il-kwistjoni, mhu vera xejn illi bieghet xi 'bear skins' lill-imputat u telghet tixhed bhal speci ta' tirrecta storja li qalilha xi hadd sabiex tirrectaha.  U fil-fatt inqabdet diversi drabi li ma kienitx qeghda tghid il-verita u x-xiehda taghha hija mimlija u mizghuda b'inkonsistenzi, b'tahwid u tgerfix u ghalhekk certament mhijiex xhud kredibbli u l-Qorti sejra tiskarta x-xhieda taghha fl-intier taghha.

Illi irrizulta car illi gew elevati mir-residenza tal-imputat 'wolf' u 'bear skins' u dana minghajr ma l-imputat kellu permess jew licenzja sabiex izomm dawn il-glud.  Ghaldaqstant is-sitt imputazzjoni tirrizulta ampjament ippruvata.

Illi s-seba imputazzjoni hija ukoll ippruvata u cioe li l-imputat  kellu fil-pussess tieghu 'Weasel' bi ksur tal-Ligi u dan kif jirrizulta mir-relazzjoni ta' William Cassar Torreggiani, kif ukoll mix-xiehda ta' Stanley Gatt.

Illi finalment dwar il-pussess tal-air rifle tal-arma tal-ghamla 'Remington' bla numru minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija il-Qorti ezaminat ir-relazzjoni tal-Ex-Brigadier Maurice Calleja illi ezamina l-arma illi giet elevata mir-residenza tal-imputat.  Huwa sab li din ir-rifle kienet tad-

ditta Remington Arms Company, ghandha calibru ta' .22LR u taht il-manku fl-injam hemm numru li x'aktarx huwa in-numru tar-registrazzjoni li huwa 1237.

Illi fir-rigward ta' din l-imputazzjoni tela jixhed certu George Azzopardi illi qal illi kien ra r-rifle imsemmija tal-ghamla Remington ta' "calibre .22 fifteen repeater" fl-ufficju tal-Ispettur David Saliba. Huwa xehed illi din l-arma kienet licenzjata ghandu ghal diversi snin u huwa kien biegh din l-arma lill-imputat xi zmien wara Marzu 1995.

Illi b'hekk l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabilita' illi din l-arma kienet giet ghandu b'mod regolari u ghaldaqstant it-tmien imputazzjoni ma tirrizultax ippruvata.

Illi dwar id-disa imputazzjoni dik illi l-imputat huwa recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tad-29 ta' April, 1994 din l-imputazzjoni giet fil-fatt ippruvata mill-Prosekuzzjoni peress illi giet esebita s-sentenza relattiva u saret ukoll il-prova tal-identita.

Illi l-Qorti tixtieq tirrileva ukoll is-segwenti fatti :
Illi l-imputat xehed illi fl-1997 huwa ma ibbalzma xejn.

Illi r-raid tal-pulizija kienet f'Awissu tal-1997. Jigifieri l-imputat qieghed jixhed illi ghal tmien xhur shah huwa ma ibbalzma xejn, mentri skond ix-xhieda kemm ta' Stanley Gatt, kif ukoll tal-esperti mahtura mill-Qorti it-tajr illi instab ghand l-imputat kien ibbalzmat frisk.

Illi meta xehed f'dawn il-proceduri l-imputat qal illi kull ghasfur u kull annimal li instab fil-freezer tieghu kienu kollha tieghu, meta skond ix-xhieda ta' Stanley Gatt kien hemm speci fil-fond tal-imputat illi mit-'tags' taghhom irrizultalu, li dawn ma kienx impurtahom l-imputat imma impurtahom haddiehor u kienu jinstabu fil-pussess tal-imputat. Punt iehor rilevanti huwa illi l-imputat jishaq u jghid illi huwa kellu kollox legali, mentri fil-fatt huwa applika u dan ghamlu ghaliex kien jaf illi ma jistax jahdem ta' ibbalzmatur lanqas ghalih personali minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u ghalhekk kien jaf li ma kellux kollox 'ir-regola' u skond il-ligi. Il-Qorti ma tistax tifhem kif l-imputat jghid li kellu kollox legali meta fix-xhieda tieghu u fl-istqarrija tieghu ammetta illi ma kellux il-permess necessarju tal-Kummissarju tal-Pulizija sabiex ikun jista jahdem ta' ibbalzmatur anke ghalih personali.

Illi l-Qorti taghmel referenza ukoll ghall-ittra li tidher a fol. 88 tal-process, liema ittra instabet fir-residenza tal-imputat

u l-imputat ghazel illi jammetti kemm fl-istqarrija u kif ukoll meta xehed fil-Qorti illi din l-ittra fil-fatt kienet indirizzata lilu. Minn din l-ittra jirrizulta illi l-imputat kien jaghmel xoghol bi qliegh. Per ezempju hemm il-kliem "I asked you to stuff these birds and I asked you how much you wanted. I did not tell you how much to charge. By stuffing them for me you helped me enormously and it also helped yourself for the value was deducted from what you owed me." L-awtur ta' din l-ittra jghid lill-imputat illi l-imputat ghandu ragun ighid illi l-organizzazzjonijiet Ewropej qeghdin jikkommunikaw hafna aktar milli kienu jaghmlu fil-passat bejniethom u ghalhekk huma jigifieri l-awtur ta' din l-ittra u l-imputat iridu joqghodu attenti ferm ghal dak illi jaghmlu. L-awtur ta' din l-ittra jitlob lill-imputat sabiex igiblu l-ispeci "garganey's males". Jitolbu ukoll sabiex igiblu il-"non-protected species" b'mod legali u jispjega billi jistaqsih jekk jistax inizzel ismu fis-sens illi jimporta l-ghasafar hu u umbaghad jaghtihom lilu. Finalment l-awtur tal-ittra jitlob lill-imputat sabiex jikkonfermalu l-bilanc li ghad fadallu jaghtih u dana sabiex ikun jista jiddistruggi l-karti u l-evidenza kollha. Jistaqsih ukoll jekk irceviex l-ahhar 'fax mannequin'.

Finalment il-Qorti tirrileva li l-imputat ammetta illi stqarr verbalment mal-Ispettur David Saliba wara li spicca l-

istqarrija tieghu, “Hasra li hemm hafna nies bhali li jaghmlu xoghol ta’ ibbalzmar fejn jaqalghu iktar flus minni u minnek” u meta qal minnek dan qalu b’referenza ghal Ispettur Saliba.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija l-Qorti issib lill-imputat **hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba, il-hames, is-sitt, is-seba u id-disa** imputazzjoni mibjuba kontra tieghu, filwaqt illi **tilliberah mit-tmien imputazzjoni**, liema imputazzjoni ma gietx ippruvata u dan wara illi l-Qorti rat l-Artikoli 32 u 33, 6 u 48 tal-Att Nru V tal-1991 biex ihares l-ambjent, ir-regolament 6 tal-Avviz Legali 23/1997, ir-regolamenti 5 u 6 tal-Avviz Legali 45/1996, ir-regolament 17 tal-Avviz Legali 146/1993, ir-regolament 12 tal-Avviz Legali 146/1993 kif emmendat bl-avviz legali 45 tal-1996 regolamenti 5 u 6, ir-regolament 24 tal-Avviz Legali 146/1993, it-tieni skeda tal-Avviz Legali 19/1992 kif emmendat bl-Avviz Legali 22/1995, it-tieni skeda tal-Avviz Legali 49 tal-1993, u r-regolament 5 tal-Avviz Legali 49/1993, ir-regolament 25 tal-Avviz Legali 146/1993 u l-Artikoli 23, 30, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti tikkundanna lill-imputat fuq imsemmi misjub hati tal-ewwel, tat-tieni, it-tielet, ir-raba’, il-hames, is-sitt, is-seba’ u d-disa’ imputazzjoni ghall-multa ta’ hames mitt lira Maltin

(LM500) u tiskwalifika lill-imputat fuq imsemmi milli jkollu jew jikseb licenzja permess jew awtorita ghal zmien sena mil-lum. Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 48 tal-Att V tal-1991 tordna ukoll il-konfiska tal-esemplari kollha illi gew elevati mill-fond tal-imputat favur il-Gvern ta’ Malta.

Finalment il-Qorti tillibera lill-imputat mit-tmien imputazzjoni, liema imputazzjoni, kif diga’ intqal, ma gietx ippruvata.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur